MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2014

Appell Civili Numru. 29/2002/2

**Giovanna Cutajar u John Cutajar u b'ordni tal-Bord tal-4 ta' Dicembru 2006 r-rikors gie trasfuz f'isem in-Nutar Mary Camilleri Cutajar u Pauline Fenech stante l-mewt tar-rikorrent John Cutajar nhar is-7 ta' Lulju 2006**

**vs**

**Francis Gauci**

**Il-Qorti**

**Rat** li l-Bord dwar il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba fis-seduta tal-31 ta' Mejju, 2012 ippronuzja s-segwenti sentenza fil-kawza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Bord*

*Ra r-rikors promoss mir-rikorrenti li jghid:*

*Illi huma proprjetarji ta' l-ghalqa ta' Hal-Millieri, z-Zurrieq, tal-kejl ta' elf, disgha mija u tlieta u tmenin metri kwadri (1,983m.k.) li tinsab imqabbla ghand l-intimat bi qbiela ta' tlett liri (Lm3) fis-sena li jithallas kull hmistax (15) t'Awissu.*

*Illi l-esponenti jehtiegu r-raba biex jigi wzat ghal skopijiet agrikoli minnhom personalment u minn membri tal-familja taghhom.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-imsemmija ghalqa u konsegwentement tordna l-izgumbrament tal-intimat u tillikwida l-kumpens xieraq li talvolta jkun dovut lill-istess intimat ai termini tal-Att dwar it-Tigdid ta' Kiri ta' Raba' (Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta).*

*Ra r-risposta tal-intimat Francis Gauci li tghid:*

*Illi mhux minnu li r-rikorrenti ghandhom bzonn l-ghalqa de quo ghal skopijiet agrikoli.*

*Illi l-ghalqa de quo hija fonti importanti ghall-ghixien tieghu u tal-familja tieghu.*

*Illi l-esponenti ibati aktar mir-rikorrenti jekk ir-rikors jigi milqugh.*

*Salv eccezzjonijiet ohra.*

*Semgha l-provi;*

*Ra l-atti kollha tar-rikors;*

*Ikkonsidra:*

*Illi din hija kawza proposta mis-sidien ta' raba' sabiex ikunu awtorizzati jirriprendu l-istess raba' mqabbel lill-intimat u li hu mehtieg mir-rikorrenti. Din it-talba hija wahda mir-ragunijiet ravvizati fl-artikolu 4(2) tal-Kap 199 u senjataemnt l-artikolu 4(2)(a) li jghid illi l-Bord jilqa' r-rikors ta' sid il-kera jekk jipprova li jehtieg ir-raba' biex ikun uzat ghal-skopijiet agrikoli minnu personalment jew minn xi*

*membru tal-familja personalment ghal perjodu ta' mhux anqas minn erba' snin konsekuttivi li jibdew minnufih wara d-data tat-terminazzjoni;*

*Ill-provi in succint jiddemostraw illi l-konjigi Cutajar li huma pensjonanti u sidien ta' din l-art li ghandha kejl superficjali ta' 1,983 metru kwadru, jixtiequ jirriprendu l-istess u ghalhekk it-terminazzjoni tal-kirja minn idejn l-intimat li huwa impjegat full time. Iz-zewg partijiet ghandhom raba' iehor, kif ser jemergi aktar 'l quddiem u t-tnejn isostnu li dan ir-raba huwa fonti importanti ghall-ghixien taghhom. Ir-rikorrenti John Cutajar miet fil-mori tal-kawza u ghalhekk din il-htiega issa waqghet fuq l-armla tieghu, r-rikorrenti l-ohra u z-zewg uliedu. Ghal xi raguni, l-partijiet inghataw l-opportunita' li jixhdu diversi drabi mill-Bord diversament presedut u ghalhekk dan gieb mieghu sensiela ta' dikjarazzjonijiet u kontro-dikjarazzjonijiet fit-tul tal-partijiet;*

*Kif pacifikament akkolt mill-gurisprudenza, talba bhal dik in dizamina ma tisghax tkun akkolta sic et simplicitur fuq dikjarazzjoni ta' bzonn da parti tas-sid rikorrenti izda jehtieg ezami approfondit fuq tlett livelli kif enuncjat fil-kawza Grezzju Caruana et vs Guzeppi Degabriele App 12/1993 deciz 3/11/2004, fejn kien rriteniet hekk:*

*Jinsab spjegat fis-sentenza fl-ismijiet "Jane armla minn John Mary Calleja et -vs- Francesco Calleja et", Appell, 6 ta' Ottubru 2000, illi skond it-test tal-ligi fuq riprodott, "l-iter procedurali li kellu allura jigi segwit mill-Bord kien is-segwenti:-*

*"(a) Il-Bord kellu jkun sodisfatt illi s-sid tar-raba kien jehtiegu biex jigi wzat ghal skopijiet agrikoli minnu personalment jew minn xi membru tal-familja. Din il-prova kellha ssir qabel kollox u fl-ewwel lok minn sid il-kera;*

*"(b) Il-kerrej kellu mbaghad jipprova li r-raba in kwistjoni kien fonti importanti ta' l-ghixien tieghu u tal-familja tieghu;*

*"(c) Jekk dan l-element jigi sodisfacentement pruvat mill-kerrej, il-Bord kellu jikkonduci l-ezami komparattiv li l-ligi*

*tesigi biex ikun sodisfatt li l-kerrej kien ser ibati aktar minn sid il-kera jekk ir-rikors jigi milqugh.";*

*Jokkorri ghalhekk li jkunu ezaminati l-fatti f'din l-ordni u l-ewwel obbligu tas-sid rikorrenti huwa proprju li jissodisfa lil dan il-Bord illi huwa ghandu htiega tar-raba' biex ikun uzat minnu personalment jew minn xi membru tal-familja u dan ghal skopijiet agrikoli. In rigward ta' dan l-ewwel aspett, jigifieri dak tal-htiega, fis-sentenza tad-9 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet Giovanna Spiteri et vs Loreto Zerafa et, l-Qorti tal-Appell irriteniet is-segwenti li dan il-Bord iqis bhala ta' importanza tali li qed tkun riprodotta parti sostanzjalli minnha:*

*"Mill-iskorta tad-diversi decizjonijiet, ta' l-imghoddi u tal-prezent, jidher li l-interpretazzjoni l-aktar akkurata li tiddixxendi mill-precitat artikolu tal-ligi hi dik kif hawn taht sintetikament rifless:-*
*(1) Ir-rekwizit tal-bzonn hu wkoll sodisfatt bid-dikjarazzjoni guramentata tar-rikorrenti. Ara "Andrea Zammit et -vs- Carmelo Bonnici", Appell, 13 ta' Novembru, 1979;*
*(2) Il-bzonn ma ghandux ikun wiehed impellenti jew urgenti imma ragonevoli jrid ikun. Dan fis-sens li rrikorrenti jrid tassew jissodisfa lill-Bord li hu jrid jiehu r-raba lura ghal skopijiet agrikoli. Mhux bizzejjed, allura, is-semplici dikjarazzjoni generika maghmula mir-rikorrenti li ghandu bzonn ir-raba' ghalih. Ara f'dan is-sens "John Zammit et -vs- Salvatore Falzon et', Appell, 5 ta' Novembru, 1996;*

*(3) "Indubbjament, il-bzonn ekonomiku, u cjoe il-htiega li s-sid jirriprendi l-pussess tal-fond biex jahdmu hu u jzid l-introjtu tieghu u tal-familja hu forsi l-iktar wiehed ovvju u indiskutibbli. Mhux eskluz pero` li jista' jkun hemm ukoll bzonnijiet ohra inqas apparenti, imma daqstant iehor validi, biex jawtorizzaw ir-ripresa tal-fond mis-sid li jehtieglu jipprova li t-talba tieghu ma kienetx kapriccjuza imma kienet immirata biex tissodisfa l-bzonn tieghu jew tal-familja tieghu". Vide "Anthony Abela et -vs- Francis Degabriele", Appell, 9 ta' Lulju, 1999;*
*(4) Fi kliem iehor il-bzonn irid ikun genwin u in bona fede u mhux intenzjonat biex is-sid japprofitta ruhu halli wara li jottjeni r-raba' jispekulah favur haddiehor. Ara*

*“Evangelista Xuereb -vs- John Agius proprio et nomine”, Appell, 16 ta’ Novembru, 1976;*

*Ir-rikorrenti kkonfermaw bil-gurament il-htiega taghhom sabiex jahdmu dan ir-raba. Ghal precizzjoni, John Cutajar kien xehed illi huwa pensjonanat u gia jahdem sitt itmiem raba u minnu jiehu tlett mitt lira, dak iz-zmien, mill-bejgh tal-patata ghall-esportazzjoni u prodott iehor ghall-uzu tal-familja. Martu Giovanna xehdet illi zewgha ghandu bzonn l-istess raba ghall-uzu tieghu u hi ukoll tahdem u tghin fih. Fil-mori tal-kawza r-rikorrenti John Cutajar mar ghal dinja ahjar u l-kawza ssoktat minn martu li kienet gia rikorrenti u uliedu li izda, minkejja li l-atti kienu trasfuzi f’isimhom, ma urew l-ebda htiega ta’ dan ir-raba. Il-ko-rikorrenti Giovanni Cutajar, ressqet b’konvinciment argumenti biex tikkonferma l-htiega tar-raba biex ikun uzat minnha personalment u kif ritenut fis-sentenza appena citata, dan il-bzonn huwa wiehed genwin, motivat b’ragunijiet ekonomici fuq l-intrapriza tal-biedja;*

*Sorvolat it-test tal-htiega, jokkorri issa lill-intimat jikkonvinci lil dan il-Bord illi ir-raba’ mertu tal-kawza huwa fonti importanti ghall-ghixien tieghu. Fis-sentenza gia citata, l-Qorti tal-Appell, trattandosi tar-rekwizit in dizamina, ghamlet referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 t’April, 1996 fl-ismijiet Nazzareno Farrugia vs John Aquilina fejn intqal in rigward illi:*

*“mhux bizzejjed li jirrizulta li mir-raba’ l-inkwilin idahhal xi qligh jew jiehu xi vantagg. Jehtieg li jigi provat li r-raba’ jikkostitwixxi mhux biss mezz ta’ ghixien tieghu imma li tali mezz ikun mezz importanti ghal tali ghixien. Importanti ma jfisserx necessarju b’mod assolut, li minghajru l-inkwilin ma jkunx jista’ jghix. Pero` d-dhul mir-raba’ jrid ikun tali illi jekk l-inkwilin jigi mcahhad minnu, ikun ser ibati sensibilment fil-mezzi tal-ghixien tieghu. Ifisser allura li l-Qorti trid tistabilixxi jekk hux il-kaz li jekk is-sid jigi awtorizzat jirriprendi l-pussess tar-raba’, in-nuqqas ta’ l-istess raba’ jkun ifisser ghall-inkwilin tbatija u sagrificcju li jaffettwa negattivament il-kwalita` tal-hajja tieghu. Dan b’mod sostanzjali anke jekk relattiv u mhux assolut”.*

*Jemergi mill-provi mressqa illi l-intimat jahdem full time bhala security guard mal-Gvern u ghandu raba' iehor barra dak mikri lilu mir-rikorrenti u b'kollox madwar sebat itmiem. Ir-raba' l-iehor huwa ta' hutu izda jahdmu hu u ghalhekk l-prodott jinqasam bejn l-ahwa. L-aktar li jizra f'din l-ghalqa hija patata u prodotti ohra ghall-konsum mill-familja tieghu kif ukoll qamh biex ikollu biex jghalef l-annimali. L-intimat huwa guvni izda mieghu jghixu tnejn minn hutu. Din hija l-familja tal-intimat u mill-prodott tar-raba' igawdu ukoll it-tfal ta' hutu. Sabiex ikun jista' jiehu prodott minn din ir-raba' huwa ghamel spejjez sabiex jintroduci hamrija tajba u jirranga l-bir ghat-tisqija. Il-periti membri tal-Bord kkonstataw illi f'dan ir-raba hemm dwieli u diversi sigar tal-frott varjat u li r-raba' huwa mahdum sew u bis-sengha. Waqt l-access kienu nnotati ucuh ta' patata, qarabali, tewm u basal. Kif ritenut fis-sentenza Farrugia – Aquilina citata supra, sabiex tkun skontata l-prova ta' importanza mill-intimat, m'ghandux ghalfejn juri li ghandu xi dipendenza totali mir-raba' rikjest jew li dan hu ta' importanza assolut. Dan ir-raba' huwa importanti ghall-intimat ghaliex fih ikabbar dawk il-prodotti li huma ta' htiega ghall-ghixien tieghu u tal-familja tieghu u ghalhekk il-Bord hu tal-fehma illi l-intimat skonta l-oneru impost fuqu li jipprova li dan ir-raba' huwa fonti importanti ghall-ghixien tieghu;*

*Min mill-partijiet ser ibati l-aktar li kieku dan ir-raba' kellu jkun ritornat lir-rikorrenti huwa ghalhekk issa determinanti ghall-ezitu ta' din il-kawza. Il-provi kienu akkwiziti b'mod, biex il-Bord jissellef minn terminu muzikali, staccato u wara hafna zmien kienet finalment maghquda stampa pjuttost cara tal-qaghda finanzjarja taz-zewg partijiet.*

*Ezami komparattiv tal-assi tal-partijiet juri illi r-rikorrenti tinsab f'qaghda ekonomika ferm ahjar mill-intimat. L-imghax mill-kontijiet bankarji tar-rikorrenti jissuperaw b'mod inkomparabbli dawk li jirrikava l-intimat u dan il-Bord m'ghandux ghalfejn jelenka l-ammonti f'din id-decizzjoni u l-istess jghodd ghall-gid proprjetarju tar-rikorrenti li huwa f'livell ferm akbar minn dak tal-intimat. Kif menzjonat aktar kmieni, l-atti kwantu rapprezentati mill-fu John Cutajar kienu trasfuzi f'isem iz-zewg uliedu.*

*Issa, il-ko-rikorrenti Giovanni Cutajar tispjega illi ulieda huma mizzewwga u joqghod ghar-rashom. Minn meta l-atti kienu trasfuzi f'isem ulied ir-rikorrenti, huma ma ressqu ebda prova tal-htiega ta' dan ir-raba' jew xi forma ta' dipendenza minnu u kienu assolutament passivi f'dan ir-rigward. Il-Bord ghalhekk huwa tal-fehma illi l-htiega ta' din l-art mir-rikorrenti, oltre l-art li gia tikkoltiva, ser tkun ta' pregudizzju aktar ghall-intimat b'telf tal-introjtu, anke jekk indirett, minn dan ir-raba';*

*Ghal dawn il-motivi, l-Bord qed jichad it-talba. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mir-rikorrenti."*

**Rat** li r-rikorrenti appellanti hassew ruhhom aggravati b'din is-sentenza u interponew appell minnha quddiem din il-Qorti.

**Rat** ir-rikors tal-appell tal-appellanti Giovanna Cutajar fejn gie premess:-

1. Fir-rikors promotur, ir-rikorrenti Giovanna Cutajar u zewgha John Cutajar ippremettew - li huma proprjetarji ta' l-ghalqa ta' Hal-Millieri, z-Zurrieq, tal-kejl ta' elf, disa' mija, tlieta u tmenin metri kwadri (1,983m.k.) li tinsab imqabbla ghand l-intimat bi qbiela ta' tlett liri (Lm3) fis-sena li jithallas kull hmistax (15) t'Awissu; u li huma jehtiegu r-raba biex jigi wzat ghal skopijiet agrikoli minnhom personalment u minn membri tal-familja taghhom. L-istess rikorrenti talbu sabiex il-Bord dwar il-Kontroll tar-Raba jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-ghalqa msemmija, tordna l-izgumbrament tal-intimat, u tillikwida l-kumpens xieraq li talvolta jkun dovut lilu ai termini tal-Att dwar it-Tigdid ta' Kiri ta' Raba' (Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. Fir-risposta tieghu l-intimat Francis Gauci eccepixxa: li mhux minnu li r-rikorrenti ghandhom bzonn l-ghalqa de quo ghal skopijiet agrikoli; li l-ghalqa de quo hija fonti importanti ghall-ghixien tieghu u tal-familja tieghu u li huwa jbati aktar mir-rikorrenti jekk ir-rikors jigi milqugh.

Sentenza Appellata

3. B’sentenza fl-ismijiet Giovanna Cutajar et vs Francis Gauci moghtija fil-31 ta’ Mejju 2012, il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba cahad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

Aggravji

4. L-esponenti hassew ruhhom aggravati b’din is-sentenza u ghalhekk qed jinterponu appell minnha quddiem din l-Onorabbli Qorti.

L-aggravju tal-esponenti huwa car u manifest u jikkonsisti filli filwaqt li l-Bord kien korrett meta kkonkluda li l-esponenti ppruvaw il-bzonn tar-ripresa tar-raba’ fit-termin tal-ligi, l-istess kien zbaljat meta kkonkluda li r-raba in kwistjoni kien fonti mportanti ghall-ghixien tal-intimat appellat u wkoll meta kkonkluda li dan kien ser ibati aktar mis-sid jekk ir-raba’ jittehidlu milli s-sid jekk ma jinghatax lura r-raba taghha.

Il-fatti fil-Qosor

5. L-ghalqa in kwistjoni f’Hal-Millieri, Zurrieq, hija proprjeta’ parafernali tal-appellanti Giovanna Cutajar u giet ghandha b'wirt fl-1996. Din l-ghalqa fiha tomnejn u hija baghli.

Giovanna Cutajar gejja minn familja ta’ bdiewa, u ghalkemm pensjonanta, tahdem sitt itmiem raba’ iehor u tbiegh il-prodott minnu. Hija trid din l-ghalqa biex izzid mar-raba’ li tahdem u zzid id-dhul minnu. Id-dhul mir-raba’ huwa mezz iehor ghall-ghixien taghha. Mill-provi jirrizulta li mir-raba’ hija u zewgha (li miet fil-mori tal-kawza) kienu jdahhlu madwar €930 (u gieli izjed). Apparti l-haxix u l-prodott kollu ghall-bzonnijiet tal-familja taghha u ta’ uliedha ghandhom ukoll diversi sigar tal-frott.

6. Fil-mori tal-kawza fis-7 ta’ Lulju 2006, miet ir-rikorrent John Cutajar u wirtuh uliedu l-appellanti Nutar Mary Camilleri Cutajar u Pauline Cutajar. John Cutajar ma kellux sehem mill-proprjeta’ tar-raba, u b’hekk bil-mewt tieghu, l-appellanti Giovanna Cutajar baqghet proprjetarja wahedha

tal-ghalqa in kwistjoni, izda naqsitilha l-pensjoni u sehem zewgha mill-assi kapitali tal-komunjoni li wirtuhom uliedha.

7. Min-naha l-ohra l-appellat Francis Gauci, huwa guvni, u ghandu l-impjieg principali tieghu bhala security guard mal-Gvern. Huwa jibni u jinnegozja fil-proprjeta'. Huwa xehed ukoll li jahdem part-time disat itmiem raba iehor, apparti l-ghalqa tal-appellanti Giovanna Cutajar. Fihom jghid li jizra qamh biss, u xi prodott ghalih u jaghti lil hutu. Mir-raba xehed li ma jifdallu ebda qligh.

Konsiderazzjonijiet ta’ fatt u ta’ ligi.

8. L-azzjoni prezenti hija bazata fuq l-artikolu 4(2)(a) tal-Kap 199, li jawtorizza lil sid il-kera jiehu lura l-pussess tar-raba’ tieghu jekk ikun jehtieg ir-raba’ biex jigi wzat ghal skopjijiet agrikoli minnu personalment jew minn xi membru tal-familja personalment.

L-Artikolu 4(2)(a) jipprovdi li l-Bord li jikkontrolla l-Kiri ta’ Raba’ ghandu jilqa’ ir-rikors ta’ sid il-kera ghar-ripreza tar-raba’ jekk sid il-kera jipprova li “jehtieg ir-raba’ biex jigi wzat ghal skopjijiet agrikoli minnu personalment jew minn xi membru tal-familja personalment.” Dan pero ma jkunx bizzejjed “jekk il-kerrej jipprova li r-raba’ in kwistjoni jkun fonti importanti ta’ l-ghajxien tieghu u tal-familja tieghu u jekk il-Bord ikun sodisfatt li l-kerrej ibati aktar minn sid il-kera jekk ir-rikors jigi milqugh.”

9. Fis-sentenza tieghu il-Bord ghamel riferenza ghall-insenjament tal-Qorti tal-Appell dwar il-procedura li ghandha tigi adottata fl-ezami tar-rekwiziti ghall-akkoljiment ta’ talba tas-sid ghar-ripreza tar-raba’ tieghu taht l-artikolu 4(2) tal-Kap 199.

Fil-kawza Grezzju Caruana et vs Guzeppi Degabriele (App. Inf. 3.11.2004) il-Qorti ta’ l-Appell Inferjuri spjegat li l-iter procedurali li ghandu jigi segwit mill-Bord fl-applikazzjoni ta’ dan is-subinciz huwa s-segwenti:

(a) Il-Bord kellu jkun sodisfatt illi s-sid tar-raba’ kien jehtiegu biex jigi wzat ghal skopijiet agrikoli minnu

personalment jew minn xi membru tal-familja. Din il-prova kellha ssir qabel kollox u fl-ewwel lok minn sid il-kera;

(b) Il-kerrej kellu mbaghad jipprova li r-raba’ in kwistjoni kien fonti importanti ta' l-ghixien tieghu u tal-familja tieghu;

(c) Jekk dan l-element jigi sodisfacentement pruvat mill-kerrej, il-Bord kellu jikkonduci l-ezami komparattiv li l-ligi tesigi biex ikun sodisfatt li l-kerrej kien ser ibati aktar minn sid il-kera jekk ir-rikors jigi milqugh, (ara wkoll Jane Calleja et vs Francesco Calleja et: App. 6.10.2000).

Sid ir-raba’ jehtieg ir-raba biex jigi wzat ghall-skopjijiet agrikoli minnu personalment jew minn membru tal-familja.

10. Fis-sentenza appellata il-Bord dwar il-Kontroll ta’ Kiri ta’ Raba iddecieda li dan l-element kien sodisacentement pruvat. Il-Bord wasal ghall-konkluzjoni li l-appellanti “Giovanni Cutajar, ressqet b’konvinciment argumenti biex tikkonferma l-htiega tar-raba biex ikun uzat minnha personalment u kif ritenut fis-sentenza appena citata, dan il-bzonn huwa wiehed genwin, motivat b’ragunijiet ekonomici fuq l-intrapriza tal-biedja.”

Dwar dan l-element ghalhekk l-esponenti appellanti ma ghandhomx aktar xi jzidu. Il-Bord fis-sentenza tieghu iccita fit-tul mis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet Giovanna Spiteri et vs Loreto Zerafa et (App. 9.7.2008) dwar l-element tal-bzonn tas-sid.

Fil-kaz prezenti l-appellanti Giovanna Cutajar ikkonfermat il-htiega taghha bhala sid il-kera (l-ghalqa hija proprjeta’ parafernali taghha) biex tiehu l-ghalqa ghall-uzu agrikolu. Hija gejja minn familja ta’ bdiewa u diga’ tahdem (mal-familja taghha) sitt itmiem raba’ iehor. Mir-raba’ ghandha wkoll gwadan ekonomiku.

Il-kerrej ghandu jipprova li r-raba kien fonti importanti ta’ l-ghixien tieghu u tal-familja.

11. Stabbilit l-element tal-htiega kien allura jispetta lill-inkwilin li jipprova li l-ghalqa in kwistjoni kienet fonti importanti ta' ghixien ghalih u ghall-familja tieghu.

12. Kif spjegat il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza Giuseppa Mizzi et vs Joseph Sacco (App: 31.5.1996) "bhala punt ta' dritt tajjeb li jigi sottolinejat illi l-Qorti ghandha l-ewwel tiddeciedi jekk ir-raba' huwiex jew le fonti importanti ta' ghixien ta' l-inkwilin appellant, u dana qabel ma l-Bord jinvesti l-kwistjoni tal-hardship. Jekk ir-risposta ghall-ewwel kwezit tkun fin-negattiv, il-qorti ghandha tieqaf hemm ghax il-materja tal-"hardship" issir ghal kollox irrelevanti. Dan ifisser illi l-inkwilin jista' jinvoka u jottjeni l-protezzjoni shiha tal-ligi kontra l-izgumbrament biss jekk qabel xejn jipprova li r-raba hu fonti mportanti ghall-ghixien tieghu. Tigi sottolinejata l-kelma "importanti".

Mhux bizzejjed illi r-raba' jkun ghall-inkwilin fonti ta' dhul: irid ikun fonti importanti tal-ghixien. Dan fis-sens illi jekk jonqos dak id-dhul, il-mezzi ta' l-ghixien tieghu kienu ser ikunu markatament pregudikati, anke jekk mhux necessarjament b'mod determinanti jew vitali. Din il-prova trid – skond il-ligi – issir mill-inkwilin. (Nazzareno Farrugia vs John Aquilina – deciza minn din il-qorti fid-29 ta' April, 1996)."

13. Fil-kawza Anthony Abela et vs Francis Degabriele (App: 9.7.1999) l-istess Qorti ta' l-Appell regghet enfasizzat li jispetta lill-inkwilin "biex jirrezisti b'success it-talba ghar-ripresa tal-fond, li jipprova li r-raba in kwistjoni kien fonti importanti ta' l-ghixien tieghu u tal-familja tieghu u li l-Bord ikun sodisfatt li l-kerrej ma jbatix aktar mis-sid jekk dan jigi awtorizzat jirriprendi l-pussess.

Kif kellha diga din il-Qorti l-okkazzjoni li tiddefinixxi, dawn iz-zewg rekwiziti kellhom jigu pruvati t-tnejn. Li jfisser, li qabel xejn l-intimat kellu jissodisfa lill-Bord u lill-Qorti li r-raba kien fonti importanti ta' l-ghixien tieghu u tal-familja tieghu. Hu biss wara li jigi stabbilit dan illi l-Bord ghandu jidhol biex jaghmel studju komparattiv bejn it-tbatija li jsofri

s-sid u l-familja tieghu jekk ma jigux awtorizzati jirriprendu l-pussess tieghu.

Fl-ewwel stadju allura hu ghal kollox irrilevanti ezami tal-mezzi tas-sid u ta' l-inkwilin ghax kellu fil-bidu jigi biss ezaminat jekk ir-raba in kwistjoni kellux rilevanza fil-mezzi ekonomici li minnhom kienu jiddependu l-bidwi u l-familja tieghu ghall-ghixien taghhom.

Ghandu jinghata wkoll sinjifikat lill-kelma "mportanti" f'dan il-kuntest ghax dan necessarjament jimporta, anke f'dan l-istadju, ezami tal-mezzi ta' l-inkwilin. Hu car li fonti jista' jkun importanti fil-kuntest ta' certu dhul limitat tal-bidwi u fic-cirkostanzi li fihom ikun jinstab, u ma jkunx jitqies importanti fejn id-dhul ikun oghla u fejn ic-cirkostanzi jkunu differenti." (sottolinear tal-esponenti).

14. Fis-sentenza tieghu il-Bord ma jenfasizzax bizzejjed l-importanza ta' dan it-tieni element, izda jaqbel li l-inkwilin kellu qabel xejn jaghmel il-prova li d-dhul minn din l-ghalqa kien fonti importanti ghall-ghixien tieghu u tal-familja tieghu. Il-Bord pero zbalja meta gie biex jaghmel l-evalwazzjoni tal-provi u kif dawn japplikaw fil-kuntest tal-ligi, hekk kif spjegata fil-gurisprudenza fuq citata.

Il-Bord wasal ghall-konkluzjoni li "dan ir-raba' huwa importanti ghall-intimat ghaliex fih ikabbar dawk il-prodotti li huma ta' htiega ghall-ghixien tieghu u tal-familja tieghu u ghalhekk il-Bord hu tal-fehma illi l-intimat skonta l-oneru impost fuqu li jipprova li dan ir-raba' huwa fonti importanti ghall-ghixien tieghu"

Biex wasal ghal din il-konkluzjoni tieghu il-Bord qies li "l-intimat huwa guvni izda mieghu jghixu tnejn minn hutu. Din hija l-familja tal-intimat u mill-prodott tar-raba' igawdu ukoll it-tfal ta' hutu. .... il-periti membri tal-Bord kkonstataw illi f'dan ir-raba hemm dwieli u diversi sigar tal-frott varjat u li r-raba' huwa mahdum sew u bis-sengha. Waqt l-access kienu nnotati ucuh ta' patata, qarabali, tewm u basal."

15. Bir-rispett dovut, il-Bord kien zbaljat. Ibda biex taht l-Att dwar it-Tigdid ta' Kiri ta' Raba' it-terminu 'membru tal-

familja' ghandu tifsira specifika li ma jinkludix l-ahwa u ulied l-ahwa. Il-Bord kien obbligat jimxi fuq din it-tifsira cara stabbilita bil-ligi u ma setghax japplika ebda tifsira ohra. L-artikolu 2 tal-Att dwar it-Tigdid ta' Kiri ta' Raba' jipprovdi car u tond li: 'membru tal-familja' tfisser axxendent lineari, dixxendent lineari, armla jew armel, ragel tat-tifla, u l-armla tat-tifel sakemm ma tergax tizzewweg, tal-kerrej" (Art. 2, Kap. 199).

Ghalhekk il-konsiderazzjonijiet tal-Bord dwar hut l-intimat appellat u wliedhom huma irrilevanti. Il-Bord kellu jillimita ruhu biss ghall-kondizzjoni tal-istess intimat appellat li huwa guvni minghajr axxendenti jew dixxendenti lineari.

16. Lanqas ma kien korrett il-Bord fir-riferenza li ghamel dwar il-konstatazzjonijiet tal-membri teknici tal-Bord. Huwa veru li dawn ikkonstataw waqt l-access (li ghalih l-esponenti ma rcevewx avviz biex jattendu) li kien hemm dwieli u sigar ohra tal-frott. Il-Bord pero naqas li jirrimarka li fir-rapport taghhom il-perit qalu li d-dwieli u s-sigar tan-nuciprisk kellhom madwar erba' snin u s-sigar l-ohra xi sitta sa seba' snin. Dan ghandu rilevanza ghaliex jixhed li dawn is-sigar inzerghu proprju meta l-esponenti Giovanna Cutajar talbet lill-intimat biex tiehu lura l-ghalqa qabel bdiet dawn il-proceduri. In fatti l-access inzamm f'Ottubru tal-2005 u din il-kawza inbdiet ftit aktar minn tlett snin qabel. M'hemmx dubju li l-intimat kien qed jipprova jibdel il-kundizzjoni tar-raba' biex jaghti l-impressjoni li ghalih kien importanti.

Tajjeb li jinghad li bhala regola l-Bord ghandu jiddeciedi fuq it-talba li jkollu quddiemu b'riferenza ghall-mument meta jigi prezentat ir-rikors. Min jaghmel il-kawza m'ghandux jigi pregudikat bid-dewmien, gej minn fejn gej, biex tinghata sentenza finali. Kif spjegat il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza Grezzju Caruana et vs Guzeppi Degabriele (App Inf, 3.11.2004) kieku kellha taccetta li l-Bord ghandu jiehu konjizzjoni tat-tibdil li jsir fil-kors tal-kawza "tkun qed tirriskja li tiftah il-bieb berah ghal kull min fil-kors tal-proceduri jfettillu bil-volonta unilaterali tieghu jimmodifika u jvarja l-istat ta' fatt minn dak li kien fil-bidu tal-proceduri. Dan bir-riskju ovvju li tigi stultifikata kull talba konsimili

ghal din intiza ghar-ripreza tar-raba fuq il-bazi tal-bzonn u jew wkoll ghal kull talba taht xi wiehed mill-motivi l-ohra elenkati mil-ligi fl-Artikolu 4(2) tal-ligi specjali (Kapitolu 199).”

Ghalhekk il-Bord ma kellux jaghti kaz tat-tibdil li ghamel l-intimat appellat wara li r-rikorrenti Giovanna Cutajar bdiet il-process ta’ din il-kawza biex jirriprendi l-pussess tal-ghalqa proprjeta’ taghha.

17. Fil-verita’ mix-xhieda tal-intimat stess il-Bord kellu jasal ghall-konkluzjoni li din l-ghalqa ma hijiex fonti importanti ghall-ghixien tieghu. Kif diga’ inghad, l-intimat Francis Gauci huwa guvni, u ghandu l-impjieg principali tieghu bhala security guard mal-Gvern. Skond ir-returns tat-taxxa tieghu fis-sena 2002 (meta gie prezentat ir-rikors) huwa kellu <u>mill-impjieg biss</u> dhul ta’ LM5,974 (€13,915), u fis-snin ta’ wara LM6,368 (€14,833) fis-sena 2003, LM6,538 (€15,229) fis-sena 2004 u LM6,635 (€15,455) fis-sena 2005.

L-istess intimat ammetta li jibni ukoll u jinnegozja fil-proprjeta’. Ghalkemm ipprova jimminimizza dan in-negozju u kien reticenti hafna biex iwiegeb ghall-mistoqsijiet li sarulu fir-rigward, huwa evidenti li ghandu dhul rilevanti sew minn dan in-negozju. (Ara xiehda ta’ Francis Gauci fis-seduta tas-16 ta’ Mejju, 2005). Huwa ammetta wkoll li ghandu bini, inkluzi maisonettes u diversi garaxxijiet.

18. Fix-xiehda tieghu tal-5 ta’ Frar 2004, Francis Gauci xehed li r-raba’ li jahdem kollu baghli u jizra’ qamh biss. Dan jerga’ ikkonfermah fl-affidavit tieghu tat-23 ta’ Novembru 2007, ghalkemm fix-xiehda li ta fit-23 ta’ Settembru 2004 qal li jizra’ wkoll xi patata, naqra basal, zewg raddi tewm u minn kollox. Dan ghall-uzu tieghu u jaghti lil hutu.

19. F’kull kaz <u>l-istess intimat jammetti li mir-raba’ ma jibqaghlu ebda dhul</u>. Fis-seduta tal-5 ta’ Frar 2004 qal li l-aktar li jdahhal mir-raba’ kollu kien xi LM150 (€350) pero dan qabel jaqta’ l-ispejjez. Mistoqsi kemm kellu spejjez qal li ma setax jiftakar. Fl-affidavit tieghu pero xehed li fl-2003

dahhal flusu biss. Fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2004 qal li fl-ghalqa ta' l-esponenti jizra' xi patata, basal u tewm, ghad-dar u ghal hutu; b'kollox jigbor darba LM90 (€210), darba LM70 (€165) pero ma jbiegh xejn.

Fl-ahhar tax-xiehda tieghu ikkonferma li "li ndahhal li nieklu ahna u il-ftit."(seduta tat-23 ta' Settembru 2004, pagna 3 tax-xiehda)  Filfatt fl-income tax returns tieghu qatt ma ddikjara xi dhul mir-raba'.

20. Minn dan kollu m'ghandux ikun hemm l-icken dubju li l-inkwilin fil-kawza prezenti falla ghal kollox fil-prova li r-raba in kwistjoni huwa fonti importanti ghall-ghixien tieghu. Ibda biex kif diga' inghad l-impjieg tieghu prinicipali huwa bhala full time security guard mal-Gvern. Huwa guvni u ghalhekk mill-impjieg tieghu biss diga' ghandu mezzi certament aktar minn sufficjenti ghall-ghixien tieghu. Meta wiehed iqis li l-intimat huwa wkoll bennej u (anke jekk prova jahbiha jew jimminimizzha) jinnegozja fil-proprjeta' u bena maisonettes u garaxxijiet, difficilment jista' jargumenta li l-ghalqa tal-esponenti hija fonti importanti ghall-ghixien tieghu; importanti meta huwa stess xehed li ma jaqla' xejn minnha u jieklu biss "il-ftit"!

21. Dawn il-fatti jixbhu hafna l-fatti kif irrizultaw fil-kawza Anthony Abela vs Francis Degabriele (App, 9.7.1999) fejn il-Qorti ta' l-Appell argumentat li "issa fil-kaz taht ezami jirrizulta illi l-prodott agrikolu li l-intimat jiehu mir-raba qatt ma bieghu, imma ex admissis, dan kien jigi wzat pratikament ghal skop ta' uzu tal-kcina ta' l-appellant u tal-familja tieghu. Il-prodott li jibqa' jqassmu 'l hawn u 'l hinn bla ma jirrikava xi gwadann minnu. <u>F'cirkostanzi bhal dawn difficilment wiehed jista' jikkwalifika dan id-dhul "bhala fonti mportanti ghall-ghixien ta' l-appellant</u>." (sottolinear tal-esponenti).

L-istess jinghad f'din il-kawza: fic-cirkostanzi li rrizultaw dwar id-dhul tal-intimat difficilment wiehed jista' jikkwalifika dan id-dhul bhala fonti importanti ghall-ghixien ta' l-appellat Francis Gauci.

22. Jekk din il-Qorti taqbel mal-esponenti li l-intimat ma rnexxielux jipprova li l-ghalqa in kwistjoni hija fonti importanti ghall-ghixien tieghu, kulma jonqos li jsir huwa li takkolji t-talba tal-esponenti ghar-ripreza. F’dan ir-rigward kull ma kellhom jaghmlu l-esponenti kien li juru li l-ghalqa in kwistjoni huma riduha ghal skop agrikolu biex jahdmuha huma jew membri tal-familja taghhom. Diga’ inghad li l-esponenti wrew li huma familja ta’ bdiewa; l-esponenti Giovanna Cutajar ilha tahdem fir-raba minn ckunitha u ghadha tahdem fir-raba sallum bl-ghajnuna ta’ wliedha. Huma juzaw parti mill-prodott ghall-bzonnijiet taghhom, pero jbieghu il-maggor parti tieghu.

Din il-konsiderazzjoni pero, lanqas ma hija daqstant importanti ghar-rizoluzzjoni ta’ dan il-kaz; ghaliex, kuntrarjament ghall-kaz ta’ l-inkwilin fejn il-ligi tirrikjedi li d-dhul mir-raba’ jkun wiehed ‘importanti’, fil-kaz tas-sid li jitlob ir-ripreza, l-ligi ma taghmilx kwalifiki simili. “Il-ligi mkien ma tillimita d-definizzjoni tal-bzonn ghall-fini ta’ talba ghar-ripresa ta’ fond agrikolu … Indubbjament il-bzonn ekonomiku, u cioe’ l-htiega li s-sid jirriprendi l-pussess tal-fond biex jahdmu hu u jzid l-introjtu tieghu u tal-familja, hu forsi l-iktar wiehed ovvju u indiskutibbli. Mhux eskluz pero’ li jista’ jkun hemm ukoll bzonnijiet ohrajn inqas apparenti, imma daqstant iehor validi, biex jawtorizzaw ir-ripresa tal-fond mis-sid li jehtieglu jipprova li t-talba tieghu ma kienetx kapriccjuza imma kienet immirata biex tissodisfa xi bzonn tieghu jew tal-familja tieghu.” (Anthony Abela vs Francis Degabriele: App, 9.7.1999).

Jekk it-tieni element jigi pruvat mill-kerrej, il-Bord jghaddi biex jaghmel l-ezami komparattiv biex ikun sodisfatt li l-kerrej kien ser ibati aktar minn sid il-kera jekk ir-rikors jigi milqugh

23. La darba l-inkwilin naqas li juri li l-ghalqa tal-esponenti Giovanna Cutajar hija fonti mportanti ghall-ghixien tieghu, anqas hemm bzonn li jsir l-ezami komparattiv dwar min ibati l-aktar jekk ir-rikors jigi milqugh. L-esponenti pero lanqas ma jaqblu mad-decizjoni tal-Bord biex wasal ghall-konkluzjoni li l-intimat

ibati aktar jekk jittehidlu dan ir-raba’ milli r-rikorrenti jekk ma jinghatalhiex lura.

Il-Bord biex wasal ghal-konkluzjoni tieghu irrefera ghall-imghaxijiet bankarji u l-gid tar-rikorrent John Cutajar. Il-Bord irrimarka wkoll b’mod negattiv, li ulied il-mejjet John Cutajar li f’isimhom gew trasfuzi l-atti minflok missierhom, huma mizzewga u joqoghdu ghal rashom;  li ma resqu ebda prova tal-htiega ta’ dan ir-raba’ jew xi forma ta’ dipendenza minnu; u li kienu passivi f’dan ir-rigward. Fuq dawn il-konsiderazzjonijiet il-Bord ikkonkluda li l-htiega ta’ din l-art mir-rikorrenti, b’zieda ma l-art li diga’ tikkoltiva, ser tkun ta’ pregudizzju aktar ghall-intimat b’telf tal-introjtu, anke jekk indirett, minn dan ir-raba’.

24. Dwar dawn il-konsiderazzjonijiet tal-Bord, is-sitwazzjoni hija differenti minn dik spjegata mill-Bord. Kif diga’ inghad sid l-ghalqa hija r-rikorrenti Giovanna Cutajar, illum pensjonanta, li trabbiet fir-raba’ u ghadha tahdem fir-raba’ sallum.  Ir-raba’ li ghandha jahdmu maghha zewgha, illum mejjet, u wliedha.  John Cutajar dahal fil-kawza in kwantu kompartecipi fil-komunjoni ta’ l-akkwisti ma martu, waqt li wliedu assumew l-atti floku ghall-integrita’ tal-gudizzju, billi l-kawza setghet fil-verita’ saret mir-rikorrenti Giovanna Cutajar wahedha qua sid il-kera. Ghalhekk wiehed irid jikkonsidra id-dhul tar-rikorrenti Giovanna Cutajar u ta’ hadd izjed. Il-kapital mhuwiex daqstant rilevanti.

Jekk il-Bord kellu jaghti kaz xi haga, dan kien li fil-verita’ id-dhul tar-rikorrenti Giovanna Cutajar naqas wara l-mewt ta’ zewgha, kemm ghaliex ovvjament il-pensjoni taghha tigi ridotta, kemm ghaliex il-gid ta’ zewgha ghaddha ghand uliedha. Il-Bord kellu jqies ukoll li d-dhul mill-imghaxijiet ma kienx wiehed cert u kostanti, kif fil-fatt rajna jigri fl-ahhar snin bi tnaqqis drammatiku fir-rendiment tal-investimenti bankarji.

25. Mill-banda l-ohra id-dhul tal-intimat Francis Gauci bhala impjegat mal-Gvern, huwa garantit u cert u jibqa’ jakkrexxi minn sena ghal sena. Id-dhul min-negozju tal-

bini, bhall-imghaxijiet, ivarja, pero xorta wahda baqa' rilevanti.

26. B'danakollu dak li kellu jara l-Bord huwa kemm ser tkun it-tbatija ghall-intimat jekk jittehidlu dan ir-raba' b'paragun mat-tbatija tar-rikorrenti Giovanna Cutajar, jekk ma jinghatalhiex. Diga' gie spjegat aktar 'il fuq li l-istess Francis Gauci jammetti li minn dan ir-raba' ma jiehu ebda qligh. Hu jghid li jizra' haxix u prodott ghad-dar ghalih u ghal hutu, izda bhala qligh ma jibqalu xejn.

Ghall-kuntrarju l-esponenti, barra li tkabbar il-haxix u l-prodott ghaliha u ghal uliedha, ghandha ukoll dhul ta' flus mir-raba li tahdem u ghalhekk iz-zieda fir-raba' ser tfisser zieda fid-dhul taghha.

27. F'din is-sitwazzjoni l-ghazla favur ir-rikorrenti kellha tkun wahda facli. L-intimat mhu ser ibati ebda telf waqt li r-rikorrenti iva. Il-pregudizzju indirett ta' l-ahwa ta' l-intimat mhuwiex rilevanti, ghaliex ghall-finijiet tal-ligi dwar il-Kontoll ta' Kiri ta' Raba mhumiex 'membri tal-familja' tal-intimat, waqt li t-telf ta' ulied l-esponenti Giovanna Cutajar, huwa rilevanti ghaliex in kwantu dixxendenti taghha, jikkwalifikaw bhala 'membri tal-familja'.

Ghalhekk id-decizjoni tal-Bord f'dan ir-rigward kienet zbaljata.
**Ghal dawn ir-ragunijiet kollha l-appellanti** qed jitolbu li din il-Qorti (i) tikkonferma d-decizjoni tal-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba tal-31 ta' Mejju 2012 in kwantu ddecieda li l-esponenti ppruvaw l-element tal-bzonn tar-raba skond il-ligi, u (ii) thassarha u tirrevokaha in kwantu l-istess Bord iddecieda li r-raba' in kwistjoni huwa fonti importanti ghall-ghixien tal-intimat appellat u l-familja tieghu u li l-istess intimat ibati aktar mill-esponenti jekk ir-rikors jigi milqugh; u konsegwentement tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat u tilqa' it-talbiet attrici.

Bl-ispejjez tas-zewg istanzi kontra l-istess intimat appellat.

**Rat** ir-risposta ta' l-appell tal-intimat Francis Gauci fejn gie sottomess:-

Illi l-aggravji imressqa mir-rikorrenti ma ghandhomx jigu milqugha u d-decizjoni tal-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba fl-ismijiet premessi mghotija fil-31 ta' Mejju 2012 ghandha tigi kkonfermata bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti u dan ghas-segwenti fatturi ;

1. Illi jidher car u manifest fl-apprezzament tal-provi li r-rikorrenti Giovanna Cutajar hija armla u ghalkemm f'hajjitha setghet hadmet fil-biedja u gejja min familja tal-bdiewa hija illum ghandha 74 sena . Bhala fatt stabilit ukoll, illi hija tircievi l-pensjoni bhala armla u bhala fatt ukoll hija tghix wahedha u ghalhekk kien superfluwu, ghaliex ir-rikorrenti uliedha ma jighixux aktar maghha, li fl-appell odjern, jigi prezentat bhala aggravju il-fatt li r-raba huwa mehtieg ghaliha u ghall-familja taghha. Kemm huwa verosimili illi mara ta' 74 sena tehtieg u ghandha bzonn li tirriprendi lura r-raba sabiex tahdmu hija. Ta' 74 sena wiehed jiehu l-mistrieh tant meritat, ta' 74 sena wiehed jibda biex inaqqas mhux izid it-tbatija li b'mod dirett u implicitu jimplika l-hidma tar-raba. Certament l-apprezzament tal- Bord kien propizju u ghalkemm l-Bord ikkonferma li l-appellanti rikorrenti ppruvat il-htiega tar-ripriza tar-raba, kunsiderazzjoni u apprezzament li l-intimat esponenti ma jaqbilx mieghu ghaliex kif fuq spjegat ic-cirkostanzi specjalment tal-eta' huma ferm indikattivi li r-rikorrenti ma ghandiex u ma jixirqiliex illi ta' 74 sena zzid t-tbattija fil-hidma tar-raba .L-element tal-htiega jidher illi kien ugwali ghall-entrambi l-partijiet u kien sors li jservi ghall-akkwist u hidma tal-prodott sufficjenti sabiex jintuza ghar-rikorrenti u membri tal-familja tieghu . F'dan ir-rigward wiehed jehtieg japprezza illi l-intimat huwa guvni u jghix ma zewg hutu xebbiet u kuntrarjament ghal dak premess mir-rikorrenti dawn tqiesu mill-Bord bhala familja stretta tal-intimat mentri l-appellanti tghix wahedha u ma jiddependi hadd iktar hliefa mill-uzu tal-prodott li tista taghti din ir-raba .

2. Fl-umli fehma tal-intimat il-kwistjoni tal-hardship kienet materja ferm delikata u li giet ippruvata b'mod assolut tant li sar apprezzament profond taghha ghalkemm mhux daqstant evidenti fid-decide . Tajjeb

irrimarkaw l-membri tal-Bord meta waqt l-access jiddeskrivu r-raba in kwistjoni bhala koltivat ferm kif titlob s-sengha tal-biedja . Il-fatt li nghata referenza dwar xi sigar li setghu kienu nzeraw ghal habta meta saru u gew intavolati dawn il-proceduri dan ceratment ma kienx il-kaz anzi punt ta' apprezzament kien il-fatt li l-intimat ipproduca xhieda estensiva fuq dan il-punt u ressaq ukoll terzi persuni li ppartecipaw fix-xoghol sabiex din l-ghalqa li kienet baghli giet ikkoltivata b'investiment sostanzjali ferm sabiex tinstab fil-kundizzjoni li fiha tinstab illum u kapaci li tipproduci l-prodott.

3. Tajjeb jsir apprezzament viswali tad-diversi ritratti mehuda a tempo vergine qabel gie ppresentat ir-rikors meta l-art kienet baghli , jigiferi ma tipproduci ebda frott u biedja jekk mhux bit-tisqiha naturali tax-xita . Dan premess l-intimat sabiex jkun jista jahdem u jiehu l-prodott s-sena kollha bena giebja u zied il-hamrija . Dan jimplika mhux biss spejjes finanazjarji sostanzjali ferm izda tbatija u dedikazzjoni tal-intimat bhala gabilllott biex sar l-istess xoghol . Il-hamrija hija tal-ghola kwalita u l-fatt li wiehed jzid il-hamrija jimplika li setgha jinzera prodott aktar varju u matul s-sena kollha . L-element tal-kostruzzjoni tal-giebja jippermetti it-tisqija u ghalhekk l-appellanti huwa ferm skorrett meta jittenta jinferixxi li l-intimat zera xi sigar biex jaghti xi impressjoni ghaliex saret din il-kawa ghar-ripriza . Sija iz-zieda fil-hamrija u l-giebja saru ferm qabel dawn il-proceduri u l-intimat esponenti certament ma kienx jazzarda jidhol ghal investiment finanzjarju biex jtejjeb dan ir-raba meta fuq rasu hemm kawza ghar-rappriza tal-istess . Dak li kellhu u ghandhu jigi apprezzat huwa illi ma jkunx gust u ekwu issa li dan ir-raba gie ta' certu valur agrikolu bil-hidma u investiment straordinarju u mhux biss bil-hidma regolari u ta'kuljum li sar f'dan ir-raba biex issa jinghata lura lis-sidien. Li kieku ma sarx fil-kundizzjoni li jinstab u li kapaci jirrendi prodott l-appellanti rikorrenti ma kien ikollhom ebda interess fir-raba u kien propju li ghalhekk dejjem hallew l-istess imqabbel ghand terzi . Il-kwistjoni tal-hardship sindakata f'diversi kazijiet hija ferm importanti fl-apprezzament tal-provi sabiex din l-Onorabbli Qorti tal-Appell taprezza kemm l-ewwel Bord

kien gust fid-decizzjoni tieghu li jikkonferma illi r-rifjut tar-rappriza tal-art mir-rikorrenti tinstab tigi rifjutata.

4. Illi fuq dan il-kuntest tajjeb jigi apprezzat illi l-pregudizzju jkun ferm akbar ghall-intimat esponenti stante illi ma gie ssindakat ebda kumpens o meno meta rrizulta li huwa nefaq ammont sostanzjali sabiex ir-raba sar raba saqwi u gie fil-kundizzjoni li kien . In fatti fil-kaz tal-Qorti tal-Appell Superjuri tal-24 ta' Ottubru 1984 fil-kaz Adelina Vassallo pro et noe vs Toni Pace et gie riaffermat dak stabilit fil-Kawza tal-Appelli Civili George Galea et vs Antonio Xuereb tas-16 ta' jannar 1984 fejn gie ikkonfermat illi l-bidwi jkun protett ai termini tal-Artiklu 4 (2) tal-Att XVI ta' l-1967 fir-rigward ta' art saqwi u jinghad ;" Il-Qorti dahlet ex professo fil-kwistjoni xi tfisser legalment il-kelma "saqwi" uzata fl-imsemmi Artiklu 4 (2) (b) tal-Att XVI 1967 . F'dik il-kawza din il-qorti kienet iccitat b'approvazzjoni dak lil kien qal il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar Raba in re Attard vs Zerafa fis-7 ta' Marzu 1977 fejn kien esprima ruhu b'dan il-mod " fil-fehma tal-Bord biex raba jista jissejjah saqwi jehtieg jkollu fuq il-post hazna tal-ilma jew inkella jkun attrezzat b'mod permanenti li jista jiehu ilma biex jigi applikat ghat-tkabbir ta' l-ucuh is-sena kollha u specjalment fix-xhur tas-sajf u ghall dan l-iskop kull tomna raba tenhtieg mhux inqas min 200,000 gallun ilma fis-sena ." u din il-Qorti qalet li l-imsemmija deskrizzjoni tal-Bord kienet tirrifletti tajjeb dak li evidentiment ried jipprotegi l-legislatur u salv li min kaz ghall-iehor , minhabba d-diversi fattispecje li jista jkun hemm , ikun hemm il-htiega ta' korollari ohra , ghandhu jservi ta' gwida . Fil-fatt din il-Qorti fl-imsemmija kawza Galea vs Xuereb kienet kompliet tghid li ghalkemm kien veru li dik l-art qabel ma ttiehdet mill-intimat kienet baghli (esattament bhal kaz in desamina) , izda <u>kien veru wkoll illi bix-xoghol tieghu huwa kien ikkonvertiha f'art saqwija</u> u xejn ma kien jiswa li s-sorsi tal-ilma mhux fiha ( fil-kawza odjerna il-giebja sors tal-ilma huwa kompletament fir-raba in kwistjoni ) izda f'ghalqa ohra li ma kinitx in kwistjoni . L-importanti li dak in nhar l-intimat kellu sistema fissa u ta' irrigazzjoni ta' l-ghalqa in kwistjoni u anke sorsi tal-ilma bizzejjed biex tinzamm imsaqqa s-sena kollha u dan

jinkwadra ruhu fid-deskrizzjoni fuq imsemmija moghtija mill-Bord ta' x'ghandu jinftiehem bil-kelma saqwi.

5. Il-legislatur ipprefera jhalli dan it-terminu vag u inoltre ghazel li fit-test ingliz ma juzax irrigated imma irrigable . Huwa ghalhekk ikkonfermat mill-Qrati taghna illi l-legislatur ma riedx jillimita l-protezzjoni fl-Artiklu 4 (2) (b) tal Att XVI 1967 ghall-art saqwi fis-sens ristrett ta' fejn l-art tircievi ilma ...

6. Tajjeb ukoll r-referenza li tinkwadra ferm fl-appell odjern mill-kaz Galea vs Xuereb fejn jinghad " Il-Bord rettament dahal ukoll fil-kwistjoni jekk il-gabillott ghandux dritt ibiddel raba baghli f'raba saqwi ( kif fil-fatt ghamel l-esponenti appellat ) minghajr il-kunsens tas-sid u wasal ghall-konkluzjoni li f'dan il-kaz l-intimat kellu l—kunsens . Din il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa dak li kkunstata u ddecieda l-Bord fid-decizjoni appellata mhix tal-fehma li hemm ragunijiet bizzejjed biex tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-istess Bord liema decizjoni tidher hija bbazata sufficjentement tajjeb ."

7. Illi kif premess il-Bord ghamel access u ikkonferma illi "saru spejjes ghaz-zieda tal-hamrija u bir ghat-tisqija" inoltre l-istat impekkabbli u skond is-sengha tal-biedja. Fil-bidu tal-qbiela l-art agrikola ma kellha ebda valur u kien l-intimat li kkonvertiha f'raba saqwi . Illi s-sintezi tal-fatturi saljenti li kkonvinca l-Bord jiddeciedi favur ir-rifjut tar-rappriza tar-raba kien dak konstat a folio 6 tad-decizjoni fejn hemm deskrizzjoni u konferma li hemm dwieli u diversi sigar tal-frott varjat li r-raba huwa mahdum sew u bis-sengha u nnotati ucuh tal-patata , qarabali, tewm u basal .Kif citat fil-kawza tal-Qorti tal- Appell tad-29 t'April 1996 fl-ismijiet Nazzareno Farrugia vs John Aquilina sabiex tkun skontata l-prova ta' importanza mill-intimat, m'ghandux ghalfejn juri li ghandhu xi dipendenza totali mir-raba rikjest jew li dan huwa ta' importanza assolut. Dan ir-raba huwa importanti ghaliex fih ikabbar dawk il-prodotti li huma ta' htiega ghall-ghixien tieghu u tal-familja tieghu u ghalhekk l-Bord hu tal-fehma illi l-intimat skonta l-oneru impost fuqu li jipprova li dan ir-raba huwa fonti importanti ghall-ghixien tieghu. " In kwantu l-aggravju

dwar d-definizzjoni o meno ta’ x’inhuwa familjari jew le huwa importanti u sufficjenti li gie apprezzat mill-Bord l-importanza ghalih inniffsu u ma jvarjax s-sahha tal-prova anke jekk hutu li jghixu mieghu kellhom ma jikwalifikawx bhala familja.In konferma l-Artiklu 4 ( 2) ( b) tal Att XVI 1967 jghid minnu personalment jew minn xi membru l-familja . Il-kelma jew fl-appell odjern tidher li twarrbet u ghalhekk l-aggravju interpost certament ma jirrisultax in kwantu riferenzi fuq x’jikkonsisti familja o meno . Il bzonn ghalih personalment kien sufficjentement apprezzat mill-Bord.

8. Il-Bord naqas illi jillikwida l-kumpens li kien ikun dovut f’kaz ta’ zgumbrament fattur li jkompli jikkonferma konvinciment mill-membri tal-Bord li r-raba in kwistjoni huwa sors u ta’ importanza ghall-intimat . Fil-mori tal-kawza gew ikkonstati spejjes sostanzjali sabiex min baghli sar raba saqwi u l-membri teknici certament apprezzaw ferm l-isforz tal-bidwi issa appellat sabiex wassal r-raba fl-istess tajjeb li tinzamm fih . Id-dedikazzjoni lejn il-hidma tal-art matul is-snin dejjem kienet valur ikkunsidrat ferm f’kawzi simili.

9. Il-kwistjoni tal-hardship gustament giet indirizzata mill-Bord a folio 6 ,tieni paragrafu tas-sentenza u “l-Bord ha stampa cara tal-qaghda finanzjarja tal-partijiet tant li wara li ezamina l-assi ikkonferma illi r-rikorrenti hija f’qaghda ferm ahjar mill-intimat u l-imghax tal-kontijiet Bankarji tar-rikorrenti jissuperaw b’mod inkomparabbli dawk li jirrikava l-intimat, tant li l-Bord ma xtaqx ghall-iskop tal-kawza jelenka l-ammonti . Il-Bord ukoll ghamel referenza ghall fatt illi r-rikorrenti li dahlu wara l-mewt ta Giovanni Ciantar, li bhala ragel tal-familja setgha potenzjalment jahdem din ir-raba , ma ressqu ebda prova tal-htiega jew dipendenza minnu u u l-Bord irrimarka li kienu assolutament passivi f’dan ir-rigward.” Tajjeb jigi riaffermat l-uzu rikjest ( vide pagna 4 tad-decizjoni tal-Bord fejn ir-rappriza trid tkun sabiex ir-raba jigi “ uzat minnu personalment jew min xi membru tal-familja” . Certament l-appell odjern in kwantu l-uzu tal-familjari ma jistax jitqies ipprovat meta l-Bord irrimarka b’certu intensita bl-indifferenza u nuqqas ta’ prova pretiza . Kif

ikkonfermat in kwantu l-"personalment" kif premess, certament mara ta' 74 sena li ghandha assi bankarji sufficjenti u deskritti bhala inkomparabbli u li ma kienx opportun li jissemmew fis-sentenza ma ghandhu jhalli ebda indecizjoni sabiex din l-Onorabbli Qorti tabbraccja u tikkonferma id-decizjoni pronunzjata mill-Bord in prima istanza .Anke f'dan il-kuntest li l-Bord ghamel fl-ekwiparazzjoni bejn il-partijiet ,ikkonstata illi r-rikorrenti ghandha ghelieqi ferm akbar ( 6 tomniet ) li hija tahdem u ghalhekk anke dwar l-element tal-bzonn dan immilita ferm kontra r-rikorrenti appellanti u ma jkunx rejalment jinkwadra ruhu bhala bzonn li tirrikjedi l-ligi sabiex tiggustifika rappriza tar-raba.

10. Kif ben premess kif pacifikament akkolt mill-gurisprudenza , talba bhal dik in desamina ma tistghax tkun akkolta sic et simplicitur fuq dikjarazzjoni ta' bzonn da parti tas-sid rikorrenti izda jehtieg ezami approfondit fuq tlett livelli enuncjati fil-kawza Grezzju Caruana et vs Guzeppi Degabriele et Appell 12/1993 tat-3 ta' Novembru 2004 . Dan li fil-fatt ghamel il-Bord u sia mill-apprezament tax-xhieda kollha hareg car illi r-rappriza tar-raba mhux gustifikat fil-fatt u l-anqas fid-dritt .

Dan kollu premess l-intimat esponenti umilment jirrileva illi d-decizjoni tal-Bord dwar il-Kontrol tal-Kirja tar-Raba ghandha tigi pjenament ikkonfermata u l-appell u l-aggravji hemm sollevati rifjutati bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti appellanti , stante illi l-intimat jgawdi l-protezzjoni ai termini tal-Artiklu 4 ( 2) ( b) tal Att XVI 1967 u in linja mal-kazijiet hawn fuq citati li huma insenjament in materja .

Bir-rispett u ghal kull sottomissjoni verbali li tkun necessarja waqt is-smigh tal-Appell.

**Rat** l-atti l-ohra kollha tal-appell u l-atti kif kompilati quddiem il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba.

**Rat** id-dokumenti kollha esibiti.

**Semghat** it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

**Rat** li l-appell gie differit sabiex tinghata s-sentenza.

**Ikkonsidrat:-**

Il-presenti hu appell presentat mir-rikorrenti appellanti mill-imsemmija sentenza tal-Bord dwar il-Kiri tar-Raba tal-31 ta' Mejju, 2012 fil-kawza fl-istess ismijiet premessi. Fir-rikors li inizja dawn il-proceduri r-rikorrenti appellanti ppremettew li huma jikru l-ghalqa ta’ Hal-Millieri, z-Zurrieq lill-intimat appellat bi qbiela ta’ tlett liri maltin (Lm3) fis-sena li tithallas kull hmistax (15) ta’ Awissu. Komplew jippremettu li jehtiegu jiehdu lura l-pussess tal-imsemmi raba sabiex juhdmuh huma u l-familjari taghhom ghal skopijiet agrikoli. Ghalhekk l-appellanti kienu talbu li jigu awtorizzati jirriprendu l-pussess tar-raba u konsegwentement li l-intimat appellat jigi ordnat li jizgombra u li jigi likwidat il-kumpens xieraq dovut lill-istess appellat skond il-Ligi. (Kap.199 tal-Ligijiet ta’ Malta).

L-appellat kien eccepixxa li ma kienx minnu li r-rikorrenti kellhom bzonn ir-raba ghal skopijiet agrikoli u li l-istess ghalqa hi fonti importanti ghall-ghixien tieghu u ta’ familtu. Inoltre gie eccepit li hu kien ser ibati aktar mir-rikorrenti jekk it-talbiet tar-rikorrenti jigu milqugha.

Bl-imsemmija sentenza tieghu l-Bord iddecieda l-imsemmi rikors tal-appellanti billi cahad it-talbiet kollha u ordna ukoll li l-ispejjez jithallsu mill-appellanti.

L-appellanti qed jipproponu dan l-appell fejn qed jitolbu li tigi konfermata dik il-parti tas-sentenza fejn gie deciz li l-appellanti ppruvaw l-element tal-bzonn tar-raba skond il-ligi, u li tigi revokata fejn gie deciz li r-raba’ huwa fonti importanti ghall-ghixien tal-appellat u l-familja tieghu u li l-istess intimat ibati aktar mill-esponenti jekk ir-rikors jigi milqugh u konsegwentement li jigu michuda l-eccezzjonijiet tal-intimat appellat u li jigu akkolti t-talbiet tal-appellanti.

Dawn il-proceduri nbdew mir-rikorrenti apellanti Giovanna Cutajar u zewgha John Cutajar, li miet fil-mori tal-istess

proceduri u ghalhekk il-proceduri tkomplew f’isem uliedu r-rikorrenti l-ohra. In effett jirrizulta li l-ghalqa kienet wirtietha l-appellanti Giovanna Cutajar u kwindi l-ghalqa hi proprjeta’ parafernali taghha.

Is-segwenti huma l-fatti rilevanti ghal finijiet tal-presenti: a) Jirrizulta li l-appellanti Giovanna Cutajar tahdem raba’ iehor (sitt itmiem) u tbiegh il-prodott ta’ din l-ahhar imsemmija ghalqa. L-istess appellanti flimkien ma l-imsemmi zewgha kienu idahhlu, meta r-ragel kien ghadu haj, mil-prodott tar-raba kwazi elf liri maltin (Lm1000) oltre li kienu juzaw parti mill-istess prodott ghall-bzonnijiet tal-familja taghhom; b) Minn naha l-ohra l-appellat Francis Gauci hu guvni, u jahdem bhala security guard mal-Gvern. L-appellat hu proprjetarju ta’ xi bini. L-istess appellat ikkonferma li apparti r-raba in kwestjoni hu jahdem disat (9) itmien raba iehor. Huwa jghid li jizra fir-raba li jahdem qamh u xi prodott iehor li jzomm ghalih u minnu jaghti lil hutu. Huwa jghid li mir-raba in kwestjoni ma jifdallu ebda qligh.

Din l-azzjoni tal-appellanti hi bbazata fuq il-provedimenti tal-artikolu 4(2)(a) tal-Kap 199. Skond dawn il-provedimenti sid ta’ raba mqabbel jista jigi awtorizzat li jiehu lura l-pussess tal-istess raba, f’kaz li jipprova li ghandu bzonn ir-raba ghal skopjijiet agrikoli ghalih innifsu jew ghal xi membru tal-familja tieghu. F’kaz li s-sid jipprova dan il-bzonn, ghandu, sussegwentement, jigi ezaminat jekk ir-raba ghandux jitqies li hu fonti importanti ghall-ghixien tal-kerrej. Hu ovvju li dan ghandu jigi ppruvat b’mod sufficjenti mill-istess kerrej. Hu biss jekk il-kerrej jirnexxilu jipprova dan, li ghandu jsir it-test ta’ l’hekk imsejjah “hardship.” Tali ezami komparattiv jsir sabiex jigi stabbilit, jekk f’kaz li tigi akkolta jew f’kaz li ma tigix akkolta t-talba ghar-ripresa tal-pussess tar-raba, min ser ibati l-aktar jew is-sid jew il-kerrej.

Ghalhekk l-ewwel is-sid tal-kera ta’ raba imqabbel, jehtieglu jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Bord li hu jehtieglu li jirriprendi l-pussess tal-istess raba biex jahdmu hu jew xi membru tal-familja tieghu. Fit-tieni lok il-kerrej jehtieglu jipprova li r-raba’ hu fonti importanti ta' l-ghixien tieghu u tal-familja tieghu. Tali prova li jehtieglu jaghmel il-kerrej tirrigwarda l-fatt li jekk jispiccjalu jew jonqoslu d-dhul mil-

ghalqa in kwestjoni huwa ser jigi ppregudikat b'mod li jirrasenta dak li hu determinanti jew irrimedjabbli. Fit-tielet lok, u biss jekk issir l-imsemmija prova minn naha tal-kerrej, irid isir l-ezami sabiex jinstab min jekk il-kerrej jew is-sid ser ibati l-aktar. Biex isir dan l-ezami hu necessarju li jigu komparati d-dhul rispettivi tal-partijiet kif ukoll l-assi mobbli u immobbli taghhom.

Il-Bord, fis-sentenza appellata, segwa l-iter li trid il-ligi u l-ewwel ikkonkluda li l-appellanti Giovanna Cutajar kienet ipprovat sufficjetement il-bzonn taghha li tiehu lura r-raba. L-appellanti, ovvjament, mhux qed jattakkaw din il-parti tas-sentenza. Inoltre l-appellat ma interponix appell minn din l-imsemmija konkluzjoni. Fit-tieni lok il-Bord ikkonkluda li l-appellat ipprova li r-raba hu fonti importanti ghall-ghixien tieghu u ta' familtu. Ghalhekk il-Bord ghadda biex jaghmel l-imsemmi ezami komparattiv. Wara dan l-ezami il-Bord ikonkluda li l-appellanti ma kellix tigi awtorizzata tirriprendi r-raba.

Fil-kaz li l-Bord ikkonkluda li l-kerrej m'ghamilx l-imsemmija prova rikjesta mill-ligi, huwa kellu jghaddi biex jilqa t-talba ghar-ripresa tar-raba da parti tas-sid.

Fid-dawl tal-provi prodotti u ta' r-rizultanzi, din il-Qorti ma taqbilx ma l-evalwazzjoni u l-apprezzament tal-provi li ghamel il-Bord biex wasal ghall-konkluzjoni li l-appellat kerrej kien ipprova li r-raba hu fonti importanti ghall-ghixien tieghu. Fl-ewwel lok, fil-konsiderazzjonijiet tieghu l-Bord inkluda hut l-appellat u uliedhom, meta dawn ma kellhomx jigu hekk inkluzi stante, li tali familjari tal-appellat mhux inkluzi fit-tifsira li taghti l-Ligi tal-kliem "membru tal-familja" fl-artikolu 2 tal-imsemmi Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Bord ma kienx korrett meta inkluda fil-konsiderazzjonijiet tieghu l-ahwa tal-appellat u uliedhom. F'dan ir-rigward il-Bord kellu jezamina biss il-kondizzjonijiet tal-appellat, li mhux mizzewweg u m'ghandux tfal. Fit-tieni lok il-Bord lanqas ma kellu jinkludi fil-konsiderazzjonijiet tieghu dak il-bdil li ghamel l-appellat fir-raba wara l-presentata tar-rikors promotur da parti tal-appellanti.

Ghandu jigi ukoll konsidrat li l-appellat hu guvni u ghandu impjieg fiss mal-Gvern bi dhul regolari. Inoltre l-istess appellat ghandu diversi binjiet cioe’ bhal maisonettes u garaxxijiet. Jidher ukoll li d-dhul tal-appellat mir-raba in kwestjoni hu irrisorju. L-appellat jiehu ftit porodott mir-raba in kwestjoni u semmai tali prodott juzah ghal l-uzu tieghu u biex minnu jaghti lil hutu. Fuq dawn ir-rizultanzi hu zgur li l-Bord ma kellux jikkonkludi li r-raba hu fonti importanti ghall-ghixien tal-appellat. Konsegwentement il-Bord kellu jieqaf hemm u kellu jghaddi biex jawtorzza lill-appellanti biex tirriprendi l-pussess tar-raba. F’dawn ic-cirkostanzi ma kienx il-kaz li jsir l-imsemmi ezami komparattiv.

Finalment din il-Qorti tirribadixi li r-rikorrenti Giovanna Cutajar setghet tagixxiu wahedha stante li l-ghalqa hi proprjeta’ parafernali taghha u semmai l-ezami komparattiv kellu isir bejn is-sitwazzjonijiet rispettivi tal-appellanti Giovanna Cutajar u tal-appellat Francis Gauci. Id-dhul u dak kollu li jappartjeni lir-rikorrenti appellanti ulied il-konjugi Cutajar hu irrilevanti kif hu irrilevanti dak li jappartjeni lill-hut l-appellat u lill-uliedhom.

Ghalhekk l-aggravju tal-appellanti ghandu jigi akkolt u konsegwentement is-sentenza appellata timmerita li tigi revokata partikolarment fejn gie deciz li ghandu jitqies li r-raba in kwestjoni hu fonti importanti ghal-ghixien tal-kerrej appellat u li l-istess appellat kien ser ibati aktar mis-sid fil-kaz li t-talba tal-appellanti tigi akkolta. Ghandu jigi konfermat li l-appellanti Giovanna Cutajar ippruvat sufficjentement il-bzonn li tirriprendi l-pussess tar-raba mqabbel lill-appellat.

Ghal dawn il-mottivi kollha:-

Tiddeciedi billi tilqa’ l-appell tal-appellanti u filwaqt li tikkonferma l-parti tas-sentenza fejn gie deciz li l-appellanti ppruvat il-bzonn li tirriprendi l-ghalqa mqabbla lill-appellat, tirrevoka l-kumplament tas-sentenza appellata cioe’ s-sentenza tal-Bord dwar il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba tal-31 ta' Mejju, 2012 u konsegwentement tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat appellat u tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti appellanti Giovanna Cutajar u tawtorizza lill-

istess appellanti tirriprendi l-pussess tal-imsemmi raba u tordna li l-appellat jizgombra mir-raba fi zmien xahar millum. Tillikwida l-kumpens xieraq dovut mill-appellanti Giovanna Cutajar lill-appellat skond il-provedimenti rilevanti tal-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta a bazi tar-rapport tal-periti teknici nominati mill-Bord u presentat fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2006 (fol.65) fis-somma komplessiva ta' mija u erba u ghoxrin euro (€124) li jinqasam kif gej:- erba (4) dwieli ta' erba (4) snin bis-6 euro l-wahda (b'kollox €24), 2 ghajnbaqar ta' xi 7 snin bl-20 euro l-wahda (b'kollox €40), 2 nuciprisk ta' 4 snin bil-15 euro l-wahda (b'kollox €30) u 6 citru bakkaljaw bil-5 euro (b'kollox €30).

L-ispejjez kollha taz-zewg istanzi jithallsu mill-appellat.

Il-Qorti tirrileva li r-rapport tal-periti teknici effettivament ma kienx inserit fil-process. Dan in-nuqqas issa gie rimedjat billi giet presentata kopja vera tal-imsemmi rapport.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------